**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 18**

**Data: 20 ta' Awwissu, 2025**

**Hin: 9.13am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

18.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

18.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

18.5 Korrispondenza u Rapporti;

18.6 Jum l-Gharb 2025;

18.7 Xoghol fi Triq Tumas Cassar;

18.8 Attivitajiet;

18.9 Materji ohra;

18.10 Skeda ta' Pagamenti;

18.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**18.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

18.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

18.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

18.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kienet waslet komunikazzjoni permezz ta' email lil Kunsill li l-ufficju tal-LESA mhux ha jibqa' jinkera mill-Kunsill u ser imorru x'imkien iehor. Huwa ssugerixxa li ssir talba lill-pulizija sabiex din terga' tigi tintuza bhala ghassa. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u ghaldaqstant ghandha ssir ittra lill-Kumissarju.

18.3.2 Is-Sindku irrefera ghall-progett tal-pool fejn qal li din waslet sabiex tibda' tintuza u ghaldaqstant huwa ssugerixxa li jibdew jsiru r-registrazzjonijiet tan-nies ghall-*membership* sabiex ghal nofs ix-xahar tibda' l-operat taghha. Huwa zied jghid li fil-bidu ikun ghaqli li din tibda' bi ftit sieghat kuljum b'massimu ta' hames sieghat. B'hekk wiehed ikun jista' jevalwa t-talba tan-nies u minn hemm wiehed jimxi l-quddiem. Fuq il-post kif kien gie diskuss ser ikun hemm ta' ERRC sabiex meta ikun hemm in-nies mhux gruppi ikunu huma responsabbli li jaghtu l-assistenza fejn ikun hemm bzonn.

Is-Sindku ssugerixxa sabiex dawk li applikaw ghandna incemplulhom gruppi ta' ghoxrin u naghtu spjegazzjoni tar-regolamenti u kif ser tindhadem il-membership u booking. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntatja lir-residenti biex jibda' l-operat.

18.3.3 Is-Sindku qal li l-lift ta' l-ARB Complex huwa kwazi lest u l-bieb li kien hemm problema fuqu qed jitranga ukoll. Spjega ukoll li l-Air condition u l-Ventilation qed jigi finalizzat fuqhom. Fir-rigward ta' dan il-kumpless is-Sindku qal li kien hemm kamra zghira fis-sala li ser tkun qeghda tintuza bhala toilet u shower b'mod temporanjament sabiex ikun hemm bizzejjed ghan-nies li jkunu qed juzaw il-pool.

18.3.4 Il-Vici Sindku staqsa ghaliex il-latrina ta' Triq Trux kien ghada ma infethix. Is-Sindku spejga li dan ghar-raguni li kienu qed jigu stampati l-cards ta' l-access ghal-latrina ghar-residenti. Huwa staqsa ukoll dwar il-kamra l-ohra ta' ma genb il-

latrina fejn is-Sindku qal li bhalissa din il-parti ghadha mhux lesta u fil-futur hemm il-hsieb li jsir latrina ohra galdarba l-Kunsill ikollu l-fondi mehtiega.

**18.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

18.4.1 Ma kienx hemm mistqosijiet tal-Kunsilliera.

**18.5 Korrispondenza u Rapporti**

18.5.1 Giet trattata korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar tabelli ghall-uzu tal-kannabis. Il-Kunsill qabel li jitwahhlu t-tabelli fil-lokalita' ta' l-Gharb ukoll.

18.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand l-Arcipriet fir-rigward ta' ghajnuna sabiex jitella' Lejla Sajfija. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti l-ispejjez relatati ma' din l-attivita' ma' l-Arcipriet u jara kif jista' jaghti l-ghajnuna tieghu.

18.5.3 Giet trattata korrispondenza minghand residenta barranija li uriet ix-xewqa li toffri ikla lil persuni zvantaggjati, persuni b'dizabilita' u anzjani. Hi talbet li l-Kunsill jipprovdi materjal u spazju u hi tiehu hsieb isajjar ikel fuq stil Germaniz. Saret diskussjoni fejn is-Sindku ssugerizza li din tista' ssir fl-1 ta' Novembru f'Jum l-Anzjani. Wara li giet diskussa din il-materja l-Kunsill qabel li ghandha tigi mistiedna ghal Herbs Festival fejn isajjar soppa tal-qara hamra.

18.5.4 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar: PA/05055/25 u PA/04023/25.

**18.6 Jum l-Gharb 2025**

18.6.1 Gew diskussjoni n-nominazzjonijiet ta' Jum l-Gharb 2025 fejn saru n-nominazzjonijiet kif segwenti u gew maghzula:

**Premju Gharb**
Nominati: Perit Norbert Attard, Vera Roberts, Sonia Sinclair Stevenson
Rebbieh: Sonia Sinclair Stevenson

**Premju Qlub Generuzi**
Nominati: Mario Mifsud, Mary Frendo, Angela Cassar, Lina Piscopo, Robert Micallef, Ahwa Theresa Vella, M'Ann Micallef, Mariella Cauchi
Rebbieh: Mario Mifsud

**Premju Volontarjat Lokali**
Nominati: Joseph Cauchi, Familja Joe u Tania Vella, Clive Rotin, Lawrence Debono, Group hassiela tal-Knisja.
Rebbieh: Familja Joe u Tania Vella

**Gharb Gozitan Cultural Award**
Nominati: Joseph Cauchi u Alvin Scicluna
Rebbieh: Joseph Cauchi

**Premju Artigjanat Lokali**
Nominati: Sandra Mizzi, Doris Debrincat, Mrs. Fraser
Rebbieh: Doris Debrincat

**Personal Achievement Award**
Nominati: Fr. Samuel Grech, George Sultana
Rebbieh: Fr. Samuel Grech

**Premju Atleti Gharb**
Nominati: Kenneth Micallef u Jake Refalo
Rebbieh: Jake Refalo

18.6.2 Giet diskussa s-serata u dak li ser tkun qed tindklufi fejn fost ohrajn ser ikun hemm Quddiesa ta' Radd il-Hajr segwita b'tqeghid ta' kuruni quddiem il-moment, ser ikun hemm band li ser tkun tiswa €1500. Ghal din il-band u ghas-serata ser ikun hemm bzonn anke PA system u dawl kif ukoll imwejjed u siggijiet Ser ikun hemm ukoll il-prezentazzjoni tas-shields u medalji lir-rebbieha. Fl-ahhar ser ikun hemm ikel ghal dawk prezenti. Huwa stmat li s-serata ser tkun tiswa madwar €2000. Gie spjegat ukoll li bhala parti mill-program ser ikun hemm kantata dwar iz-zjara tal-Papa Frangisku gewwa Ghawdex. Ghal din il-kantata hemm sponsor mill-Ministeru ghal Ghawdex ta' €2000.

18.6.3 Is-Sindku spjega li fit-30 ta' Awwissu l-ghada ta' Jum l-Gharb gie mitlub sabiex issir show tal-karozzi MG u fl-istess waqt ikun hemm il-karoke night fejn ic-Centru. B'kollox hemm 13 il-karozza li ser ikunu prezenti ghal Car Show. IL-Kunsill qabel li ghandha titella' din il-car show.

18.6.4 Giet trattata korrispondenza fir-rigward ta' Premju Anzjan tas-Sena. Il-Kunsill iddiskuta in-nomini fejn qabel li ghandu jissottometti n-nomini kif segwenti:

Premju Innovazzjoni u Teknoloġija fl-Anzjanità: Manuel Cauchi
Premju Anzjanità Kulturali: Sonia Sinclair Stevenson
Premju Anzjanità Sportiva: Louis Apap
Premju Volontarjat fl-Anzjanità: Carmen Cassar
Premju Solidarjetà Interġenerazzjonali: Joe Apap

## 18.7 Xoghol fi Triq Tumas Cassar

18.7.1 Is-Sindku spjega li l-bierah giet *revised* l-applikazzjoni u d-dokumenti biex issir id-*direct order*. Gie spjegat li kien hemm zewg kwotazzjonijiet wahda li kienet tinkludi l-bankini u l-ohra le. Wara diskussjoni sar qbil li l-Kunsill ghandu jmur lura ghal-ewwel kwotazzjoni li tinkludi l-bankini ukoll biex ix-xoghol ikun kollu kopert. Gie spjegat ukoll li din il-materja hija urgenti anke ghar-raguni minhabba l-ombudsman. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk il-Kunsill ikun ghadu bla risposta sal-gimgha d-diehla, l-Ombudsman ghandu jigi infurmat bl-azzjoni li qed tittiehed u li qed nistennew risposta.

## 18.8 Attivitajiet

18.8.1 Kif gie diskuss aktar kmieni bhala attivitajiet hemm Jum l-Gharb. Attivita' ohra ser tkun l-International Puppet Festival fejn qed jigi konkluz il-program li ser jigi maqsum bejn is-Sibt u l-Hadd. Segwit wara dan il-festival hemm l-International Kite & Wind Festival 2025 bejn it-18 u 19 ta' Ottubru. F'Novembru bejn il-21 u 23 ser isir il-weekend fejn tigi organizzata l-Opra, Make Music Great u Herbs Festival. Kif gie diskuss fl-laqghat qabel l-opra ser tinkludi attivitajiet matul il-gurnata. Is-Sindku ssugerixxa sabiex jigu kkuntatjat is-sid tal-muzew tal-folklore biex naraw il-possibilita' li ttella' ikla bhala parti mill-attivitajiet tal-Opra. Hu zied jghid li jekk dawn ma jaccettawx ghandu jinstab post iehor bhal ma' huwa Massar Winery. Wara filghaxija ikun hemm l-Opra li din is-sena ser tkun siltiet minn Tosca. Bhala *backdrop* ikun jista' jintuza *screen* u fiha jigi involuti anke kantanti kif ukoll daqq fuq il-pjanu. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi ma' kif suggerit mis-Sindku.

18.8.2 Bhala Herbs Festival, kif gie diskuss qabel, il-Kunsill qabel li jekk hi interessata ghandu jghid lil dik il-persuna li trid isajjar biex taghmel soppa tal-qara hamra. Apparti minn hekk qabel ukoll li ghandha tigi avvicinata t-tfajla li s-sena l-ohra hadet sehem fil-herbs festival biex jekk tkun interessata tiehu sehem. Is-Sindku qal li mir-Regjun t'Ghawdex kien hemm assistenza ta' €5000 ghall-attivita' tal-Herbs festival bhala parti minn attivita' f'kull lokalita'.

18.8.3 Attivitajiet ohra li hemm ser ikunu dawk tal-Milied. Is-Sindku ssugerixxa li dawn ghandhom idumu biss hmistax peress li meta thallihom xahar jintilef l-interess u l-importanza taghha. Ghalhekk huwa issugerixxa biex l-attivitajiet isiru gimgha qabel il-Milied u l-gimgha ta' bejn il-Milied u l-ewwel tas-Sena. Huwa qal li l-Christmas Tress Choir qed jigi suggerit ghal 20 ta' Dicembru. Inkluz ma' dan ikun hemm ukoll it-*token* li tinghata lit-tfal fi zmien il-Milied. Il-Kunsill iddiskuta' din il-materja u qabel mas-suggeriment li l-attivitajiet tal-Milied ghandhom ikunu fuq hmistax biss, mall-Christmas Choir kif ukoll mat-*token* tat-tfal.

## 18.9 Materji ohra

18.9.1 Saret referenza ghal Triq Birbuba qabel taqbad il-parti id-dejqa. Lisa Marie Brooke qalet li jkun sewwa li din il-parti tat-triq sewwa li tibqa' kif inhi u jibqa' parking temporanju. Joseph Mizzi qal li meta saru d-*double yellow line* parking wiehed kien ghad baqa'. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jkun hemm id-*double yellow line.*

18.9.2 Is-Sindku qal li kellu talba mill-familja Vella fi Triq Trux fejn intalab li jsir *double yellow line* peress li qeghdin jipparkjaw viċin il-garaxx tad-dar u ma jkunx jista' jidhol bil-karozza. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn ghandu jsiru.

## 18.10 Skeda ta' Pagamenti

18.10.1 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**18.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

18.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-23 ta' Settembru, 2025 fid-9.00am.

18.11.2 Il-laqgha spiccat fl-9.46am.

Konfermati minn:

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv